MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2014

Appell Civili Numru. 91/2012/2

**Francis Cassar**

**v.**

**Rosina Cassar**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tar-rikorrent ipprezentat fit-8 ta' Frar 2012 li jaqra hekk:

"Illi l-kontendenti zzewgu tmintax (18) ta' Gunju elf disgha mija u disgha u sebghin (1979)

"Illi l-kontendenti ilhom separati de facto minn ftit qabel ma gie ppubblikat il-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejniethom ossija dak in atti tan-Nutar Dott Marco Burlo datat ghaxra (10) ta' Settembru elf disgha mija u sebgha u disghin (1997) Dok A;

"Illi t-tfal tal-kontendenti llum huma lkoll maggiorenni:

"Illi l-manteniment dovut lill-intimata ai termini tal-kuntratt imsemmi jinqata' direttament mill-beneficcju percepit mir-rikorrenti u ghalhekk dejjem thallas u ma hemm l-ebda prospett li dan ma jithallasx;

"Illi ma hemm l-ebda propsett ragonevoli illi ikun hemm rikonciliazzjoni bejn il-kontendenti, stante illi apparti li ilhom diversi snin jghixu separatament, presenzjalment it-tnejn ghandhom il-hajja separata taghhom;

"Illi l-fatti su riporati jissodisfaw il-kwesiti ghall-ottjeniment tal-hall miz-zwieg a tenur ta' artikoli 66A eq seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu umilment lil din l-Onorabbli Qorti prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. "Tippronunzja d-divorzju bejn il-kontendenti;

> 2. “Tordna lir-registratur tal-qorti sabiex fiz-zmien kontemplat jinnotifika lid-direttur tar-Registru Pubbliku bid-digriet tad-divorzju sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.”

Rat ir-risposta tal-intimata pprezentata fit-2 ta’ Marzu 2012 li in forza taghha eccepiet illi:

> “Fl-ewwel lok, in-nullita' tal-proceduri odjerni illi messhom saru b' rikors guramentat u mhux b' semplici rikors.

> “Fit-tieni lok, l-imsemmi Francis Cassar m’huwiex qieghed jhallas il-manteniment miftiehem fil-kuntratt ta' seperazzjoni tal-kontendenti u bil-hall taz-zwieg ikun aktar difficli illi hija tikseb il-hlas tal-manteniment. Jigi rilevat illi ghad illi gie stabilit fl-imsemmi kuntratt illi l-imsemmi Francis Cassar kellu in linea ta' hlas ta' manteniment jhallas lill-esponenti il-pensjoni kollha kontributorja tieghu, l-esponenti qeghda biss tippercepixxi nofs tali pensjoni.”

Rat il-verbali tal-kawza fosthom l-affidavits u depozizzjonijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta’ Mejju 2012 li minnu jirrizulta li l-konvenuta irrinunzjat ghall-ewwel eccezzjoni taghha;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Familja moghtija fit-30 ta’ April 2013 li permezz taghha laqghet it-talbiet tal-attur u ppronunzjat il-hall taz-zwieg li hemm bejn il-partijiet celebrat fit-18 ta Gunju 1978 u ordnat lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet

biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kap. 16 tal-Ligjiet ta’ Malta;

Rat ir-rikors tal-konvenuta li permezz tieghu hija talbet illi din il-Qorti joghgobha:

> “… . . … thassar u tirrevoka s sentenza appellata moghtija mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fit-30 ta’ April 2013 u minflok tilqa’ l-eccezzjonijiet imressqa mill-appellanti u tichad it-talba tal-appellat, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellat.”

Rat ir-risposta tal-attur appellat li permezz taghha issottometta illi l-appell kellu jigi michud u s-sentenza konfermata;

Illi l-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha b’dan il-mod;

> “**Provi**.
>
> “Permezz ta’ affidavit[1] l-attur xehed illi “l-uniku introjtu li ghandi huwa l-beneficcju socjali li jammonta ghal sitt elef erbgha mija u sitta u tmenin uro u sitta u disghin centezmu (€6854.56) li minnhom Rozina Cassar tippercepixxi direttament mid-Dipartimet tas-Sigurta' Socjali l-ammont ta' elfejn erbgha mija u sitta u tmenin Euro u tnax il-centezmu (€ 2,486.12). Nghid li jiena ser naqhlaq wiehed u sittin (61) sena f' Awwissu u meqjus bhala persuni b' disabbilta u ghalhekk ma hemx prospett li nahdem. Nghid li jiena ilni ma nahdimx ghal dawn l-ahhar sebgha u ghoxrin (27) sena peress li kont ghaddejt Bord li kien sabni mhux tajjeb ghax-xoghol. Nghid ukoll li ma narax, hekk kif jidher fic-certifikat hawn anness.” Ix-xhudipprezenta ittra rilaxxjata

[1] Fol. 31

mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali fid-29 ta' Mejju 2012 li tikkonferma dak li ddikjara l-attur fix-xhieda tieghu. Certifikat mediku datat 10 ta' Marzu 2012, li ma hux guramentat, jiccertifika lill-attur bhala "legally blind".

"In-subizzjoni[2] l-attur xhed illi huwa istitwixxa kawza kontra martu sabiex inaqqas il-manteniment li ghandu jtiha liema kawza ghada pendenti. Spjega wkoll illi ghalkemm kellu store mikri lit-tifel tieghu bir-rata ta' circa seba' ewro kuljum, din il-kirja m'ghadux jirceviha peress li jrid jiehu lura f'idejh il-pussess ta' dan il-garage. Ibnu xhed illi qed jiddepozita l-kera 'l Qorti.

"Il-konvenuta pproduciet bhala xhud rapprezentant mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali li nforma illi l-attur kien jircevi pensjoni kontributorja ta' Euros 131.52 fil-gimgha li minnhom Euros 47.81 qed jintbaghtu direttament lill-konvenuta filwaqt li Euros 83.71 huma pagabbli lill-attur. Ix-xhud informa wkoll illi apparti dak l-ammont il-konvenuta qed tircevi minghand id-Dipartiment is-somma ta' Euros 51.70 bhala 'old age pension'. Spjega wkoll illi l-attur kien matul is-snin ircevi beneficji li ma kienx intitolat ghalihom u ghalhekk mill-pagamenti li d-Dipartiment ihallsu qed jitnaqqaslu ammont ma kull pagament bhala rifuzzjoni ta' dak li l-attur irceva minghand id-Dipartiment minghajr ma kellu dritt ghalih. Fil-fatt id-Dipartiment kien skopra li kien hemm tlett hlasijiet mhux dovuti: wiehed fl-ammont ta' Euros 10,272.00 rapprezentanti hlasijiet ta' ghajnuna ghall-mard bejn is-sena 2002 u s-sena 2012 li ma kienux dovuti; Euros 8,500 pensjoni ghall-ghomja li tmur lura bejn is-sena 2004 u s-sena 2006 meta d-Dipartiment induna bl-izball u somma ohra ta' Euros 430 minhabba li inbidlu xi rati mill-pensjonijiet. L-ammont ta' circa Euros 19,000 imhallas indebitament lill-attur qed jingabar lura billi mill-ammonti li huma lilu dovuti jitnaqqas ammont ekwivalenti hamsa fil-mija jew ghaxra fil-mija tar-rata pagabbli. Fil-prezent qed jitnaqqaslu 5% mis-somma ta' Euros 83.71 mensilment.

"Ix-xhud spjega illi fis-sena 2012 id-Dipartiment kien skopra li l-attur kien qed jircevi ghajnuna ghall-mard li ma kienx intitolat ghalih. Skond ir-rapprezentant tad-Dipartiment il-hlasijiet lill-attur saru bejn is-sena 2002 u s-sena 2012 liema beneficcju kien qed jithallas peress li l-attur ma kienx iddikjara proprjeta' li kellu meta applika ghall-beneficcju.

"Prezentement l-attur jircevi l-invalidity pension.

[2] Fol. 52

"Ikkunsidat;

"Huwa pacifiku bejn il-partijiet illi ilhom separati aktar minn erba' snin u ma hemmx possibilta' li jirrikonciljaw.

"Il-kuntrast principali bejn il-partijiet jirrigwarda il-manteniment li l-attur ihallas lill-konvenuta.

"Fi klawsola 3 tal-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet gie stipulat illi[3]:-

> "Il-komparenti Francis Cassar jiddikjara illi presentement huwa ma huwiex qieghed jahdem, u ma ghandu ebda dhul ghajr il-pagamenti talvolta minnu percepiti mill-awtoritajiet bhala Assistenza Socjali u/jew beneficcji tal-mard, b'mod li huwa ma huwiex presentement fi grad illi jissoministra manteniment lill-komparenti martu Rosina Cassar ghaliha u ghall-imsemmija wliedu minuri. Min-naha taghha, il-komparenti Rosina Cassar tiddikjara illi hija presentement ma hiex f'qaghda li tissindika l-verita' tad-dikjarazzjoni ta' zewgha. Dan, il-partijiet jiddikjaraw illi l-komparenti Rosina Cassar tibqa' intitolata illi titlob u tircievi l-manteniment minghand l-imsemmi komparenti zewgha Francis Cassar ghaliha u ghall-imsemmija wliedha minuri f'ammont illi jigi stabbilit mill-partijiet bi ftehim bejniethom, jew ordnat mill-Qorti kompetenti f'kaz ta' konflitt. Inoltre, l-partijiet jaqblu illi f'kull kaz, il-komparenti Rosina Cassar ghandha tippercepixxi akkont tal-manteniment pagabbli lilha ghaliha u ghall-imsemmija tfal minuri, il-penzjoni kontributorja mahruga mill-Awtoritajiet Kompetenti lill-komparent zewgha Francis Cassar, liema penzjoni l-istess partijiet jaqblu rrevokabilment ghandha tkun direttament percepibbli mill-istess komparenti Rosina Cassar minghand l-istess Awtoritajiet Kompetenti, kif gja l-istess penzjoni qeghda tigi percepita mill-istess komparenti Rosina Cassar. A skans ta' ekwivoku u b'riferenza ghall-penzjoni msemmija f'dana l-artikolu, jibqa' miftiehem illi tali riferenza hija ristretta biss ghall-penzjoni kontributorja, billi l-penzjoni non-kontributorja tibqa' percepibbli mill-imsemmi komparenti Francis Cassar."

"Jirrizulta ghalhekk illi sa mis-sena 1997 l-attur kien qed jircevi xi forma ta' ghajnuna socjali jew beneficcji minghand id-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali. Irrizulta wkoll li mas-snin kien hemm diversi pagamenti indebiti li ghadhom

[3] Fol. 5

qed jingabru lura. Ir-rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali spjega f'dettal x'inhu dak li hu intitolat ghalih kemm l-attur kif ukoll il-konvenuta.

"Il-konvenuta tircevi assistenza socjali, *age pension*, assistenza medika u supplementary allowance oltre parti mill-pensjoni kontributorja tal-attur kif ukoll bonus kull sitt xhur.

"Ma tresqux provi jekk fiz-zmien li gie ppubblikat il-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, il-konvenuta kenitx qeghda tircevi xi beneficcji socjali u jekk fin-negattiv meta allura bdiet tircevi tali beneficcji.  Lanqas tresqu provi jekk ir-rata ta' beneficcji li tircevi l-konvenuta gietx effettwata mill-fatt li tircevi direttament parti mill-pensjoni kontributorja tal-attur kif lanqas inghatat spjegazzjoni dwar x'wassal lid-Dipartiment ihallas lill-konvenuta parti mill-pensjoni kontributorja tal-attur meta fil-kuntratt hemm stipulat illi l-pensjoni kontributorja ghandha tippercepiha kollha kemm hi l-konvenuta filwaqt li l-pensjoni mhux kontributorja ghandu jippercepiha l-attur.

"Ghalkemm ix-xhud Joseph Chircop mid-Dipartiment spjega li huma qeghdin isegwu sentenza ta' Qorti jew kuntratt approvat minn Qorti, pero' ma setax ikun specifiku. Ma jirrizultax li l-konvenuta ma hiex qed tircevi l-pensjoni kontributorja kollha tal-attur minhabba xi tort imputabbli lill-attur.

"Ikkunsidrat;

"Fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha l-konvenuta tilmenta illi l-manteniment pattwit ma hux qed jithallas fl-intier tieghu.

"L-artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi fost l-ohrajn illi l-Qorti m'ghandiex tilqa' talba ghad-divorzju jekk ma jirrizultax li sew il-mizzewgin kif ukoll l-ulied, qed jircievu manteniment adetgwat, fejn hu dovut, skond ic-cirkostanzi tal-kaz.   Huwa espressament provdut illi manteniment pattwit f'kuntratt ta' separazzjoni konsenswali ghandu jitqied adegwat.

"Il-Qorti tinnota illi meta gie ppublikat il-kuntratt ta' separazzjoni il-partijiet kellhom erbat itfal minorenni, mentri llum ilkoll huma maggorenni.  Inoltre fil-

kuntratt ma giex stabbilit kemm mill-manteniment pattwit kien percepibbli mill-konvenuta u kemm kien percepibbli fl-interess tal-erba' minuri.

"Mix-xhieda tas-Sur Chircop ghad-Dipartiment irrizulta illi d-Dipartiment qed ihallas lill-konvenuta is-somma ta' Euros 51.70 bhala l-*age pension* taghha kif ukoll is-somma ta' Euros 47.81 li tinqata' mill-pensjoni kontributorja dovuta lill-attur, b'kollox Euros 99.51 filwaqt li lill-attur qed ihallsuh Euros 83.71 wara li jitnaqqas l-ammont li qed jigi mibghut direttament lill-konvenuta.

"Huwa xi ftit inspjegabbli ghall-Qorti kif wara dan iz-zmien kollu il-konvenuta, li tallega li mhux qed tircevi l-manteniment kollu pattwit, ghadha ma haditx azzjoni kontra l-attur sabiex tircevi l-ammont shih lilha dovut skond il-kuntratt.

"Huwa minnu li l-kuntratt jghid b'mod inekwivoku li sakemm ma jkunx hemm decizzjoni ta' Qorti l-konvenuta ghandha tircevi ir-rata shiha ta' pensjoni kontributorja li ghaliha huwa intitolat l-attur, izda hija l-fehma tal-Qorti li ma hux l-attur li qed jostakola il-pretensjoni tal-attrici. Fl-ebda hin ir-rapprezentant tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali ma xhed li ghandhom bzonn il-kunsens tal-attur sabiex ihallsu bhala manteniment li jirrizulta minn kuntratt approvat mill-Qorti.

"Ghal ragunijiet li jafuwhom il-partijiet, it-tnejn qaghdu l-boghod milli jistabbilixxu ghaliex il-kuntratt jghid mod u d-Direttur tas-Sigurta' Socjali qed jaghmel mod iehor. Jibqa' l-fatt pero' li skond is-Sur Chircop id-Dipartiment jimxi ma' sentenza jew kuntratt approvat minn Qorti.

"Fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha l-konvenuta turi l-preokkupazzjoni taghha illi jekk it-talba attrici tintlaqa' u jigi ppronunzjat id-divorzju ta' bejn il-partijiet ser tigi pregudikata peress li wara ma tkunx tista' titlob hlas ta' manteniment. Il-konvenuta issostni (para 13) illi "hija ma kenitx kisbet id-dritt illi titlob u tircievi l-manteniment minghand ir-rikorrent zewgha izda biss irrizervat id-dritt illi titlob il-hlas ta' manteniment futur".

"Il-Qorti regghat ezaminat klawsola 3 tal-kuntratt ta' separazzjoni u ma taqbilx mal-interpretazzjoni moghtija mill-konvenuta stante li fuq il-kuntratt l-attur irrikonoxxa id-dritt tal-konvenuta li titlob u tircievi manteniment f'rata verjuri

> una volta jsib jahdem. Sakemm ma jahdimx, u hekk tirrizulta li hi s-sitwazzjoni llum, id-dritt taghha huwa li tippercepixxi l-pensjoni kontributorja tal-attur salv li s-sitwazzjoni tigi riveduta minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza istitwita mill-attur ghar-riduzzjoni tal-manteniment.
>
> “F’dan l-istadju il-Qorti hija marbuta li toqghod mat-termini tal-kuntratt tas-separazzjoni li jistipula bl-aktar mod car x’ghandha tirciev l-konvenuta u x’ghandu jircievi l-attur mill-beneficcji socjali pagabbli lill-attur. Id-divorzju ma hux ser jaghmilha aktar difficli lill-attrici li tircevi dak li tista’ tircevi llum qabel id-divorzju.”

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta’ Jannar 2014 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati tal-partijiet trattaw l-appell;

Ikkonsidrat;

**AGGRAVJI TAL-KONVENUTA**

Illi ghalkemm l-appellanti indikat seba’ *aggravji* huwa car li dawn huma riassunti fis-seba’ aggravju ghaliex l-istess rikors tal-appell appuntu meta jitkellem fuq dan l-ahhar aggravju jghid ‘*illi jekk dak sottomomess mill-appellanti huwa korrett u li fis-separazzjoni taghha ma gietx miftehma ebda retta alimentarja, dan igib zewg effetti..* Il-Qorti allura se tezamina dawn iz-zewg effetti jew rizultanzi allegati mill-istess appellanti ghaliex huwa evidenti li jekk dawn ma jirrizultawx l-appell ma jistax jigi milqugh. Dan anke minhabba l-

fatt li l-ewwel sitt paragrafi tal-hekk imsejjha *aggravji* ma humiex sitt aggravji in kwantu tali izda serje ta' argumenti li jwasslu ghal dawn l-aggravji reali.

**L-ewwel aggravju** – u certament l-aktar wiehed krucjali - tal-appellanti huwa fis-sens li l-ewwel Qorti kien '*messha rat hux qed jithallas manteniment skont il-bzonnijet tal-appellanti u l-mezzi tal-appellat kif mahsub fl-Artikolu 66B(c) tal-Kodici Civili propju ghaliex fl-assenza ta' manteniment miftiehem f'separazzjoni huwa dak li trid taghmel il-Qorti skont il-ligi (Artikolu 66B tal-Kodici Civili) qabel ma tholl iz-zwieg*.'

Dan l-artikolu jghid;

> "**66B.*** *Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*
>
> *(a) "fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u*
> *(b) "ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*
>
> *(ċ) "il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*
>
> *"Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

> *"Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

> *"Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi."*

Ghandu jinghad li l-Artikolu 57 jirreferi ghall-manteniment ghall-minuri u allura ma hux rilevanti ghal din il-kawza. Il-konvenuta indikat fin-nota ta' sottomissjonjiet taghha illi huwa rilevanti wkoll l-Artikolu **66(D) (2)** illi jghid;

> "*Fejn il-miżżewġin ikunu diġà separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti, il-persuna miżżewġa li tkun qed tagħmel it-talba għad-divorzju tista' tressaq biss talba għall-ħall taż-żwieġ. Il-parti l-oħra tista' tikkontesta din it-talba jew billi tipprova illi dak iż-żmien maħsub fl-artikolu 66B(a) m'għaddiex, jew billi tipprova illi l-persuna miżżewġa illi talbet id-divorzju ma tkunx ħallset il-manteniment dovut, kif ordnat mill-qorti jew miftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni u li kemm-il darba t-talba għad-divorzju tintlaqa', tkun aktar diffiċili għall-istess parti l-oħra illi tikseb il-ħlas tal-manteniment. Il-qorti m'għandhiex tilqa' t-talba għad-divorzju kemm-il darba xi waħda minn dawn l-eċċezzjonijiet jiġu murija li huma tajba.*"

Jidher car allura li l-punt ta' kontestazzjoni principali bejn il-partijiet huwa jekk l-appellanti hijiex qed tircievi 'manteniment adegwat' biex il-Qorti taccedi ghat-talba tar-rikorrent appellat. Naturalment il-ligi ma tghidx x'inhu manteniment adegwat izda biss li dak li jkun gie stabbilit permezz ta' sentenza tal-Qorti jew ta' kuntratt pubbliku ta' separazzjoni konsenswali ghandu jitqies bhala adegwat. Il-problema f'din il-kawza inqalghet ghaliex il-kuntratt li jirregola l-kundizzjonijiet tas-separazzjoni bejn il-partijiet, kif gia` issemma', halla l-

manteniment impregudikat minghajr ma giet iffissata ebda cifra pagabbli lill-appellanti; il-partijiet qablu biss li l-pensjoni kontributorja mahruga mill-Awtorita` kompetenti kellha tigi percepita kollha mill-istess appellanti *akkont tal-manteniment pagabbli liha.*

Il-problema kienet issolvi ruhha ghall-fini ta' din il-vertenza kieku dan gara; izda ghal xi raguni – certament mhux imputabbli lill-appellat kif iddikjarat l-ewwel Qorti a bazi tal-provi li semghet u tressqu quddiemha – l-Awtorita` kompetenti ddecidiet li tivversa nofs dik il-pensjoni lir-rikorrenti u nofs lill-appellanti. Ghalhekk din qed targumenta li hija mhix qed tircievi manteniment adegwat.

Mill-provi prodotti mhux car meta din id-decizjoni tad-dipartiment koncernat bdiet tigi attwata. Jidher mid-dicitura tal-kuntratt li dak iz-zmien l-appellanti kienet qed tircievi l-pensjoni kif pattwit. Huwa allura inspjegabbli kif hija naqset li tiehu azzjoni dwar dan.

F'dan l-aspett il-**Privy Council** kellu okkazjoni jiddistingwi bejn dak li huwa 'proper' u dak li huwa 'adequate'. Fil-kawza fl-ismijiet **Bosch v. Perpetual Trustee Company Limited (1938)** intqal hekk;

> "*The use of the word 'proper' is of considerable importance. It connotes something different from the word ' adequate'. A small sum may be sufficient*

> *for the adequate maintenance of a child for instance, but having regard to the child's station in life and the fortune of his father, it may be wholly insufficient for his proper maintenance*."

Il-Qorti wara li ezaminat sewwa l-atti, taqbel mal-konkluzjoni raggunta mill-ewwel Qorti li, kif gia` issemma' aktar qabel, huwa inspjegabbli li ghal dawn is-snin kollha l-appellanti baqghet ma hadet ebda azzjoni biex tircievi l-pensjoni intiera u huwa biss issa li qed tilmenta minn dan il-fatt ghaliex ir rikorrenti ghamel it-talba ghad-divorzju. Huwa minnu illi kif tratta l-abbli difensur taghha, li id-dritt li wiehed ikollu huwa dejjem fakoltattiv u sta ghalih jew ghaliha biex tezercitah, izda jekk jonqos milli jezercita d-dritt tieghu fiz-zmien li jkun opportun li jezercitah ikollu wkoll joqghod ghall-konsegwenzi, fosthom l-inferenzi li tista' tigbed il-Qorti.

Barra minn dan l-attegjament tal-appellanti huwa indikattiv li hija ma kellhiex bzonn impellenti biex tezercita dan id-dritt u allura wiehed jista jikkonkludi **ghall-fini ta' din il-kawza** li hija kienet qed tircievi manteniment li kien adegwat ghaliha fic-cirkostanzi taghha. Dan huwa wkoll ikkonfermat inkonsapevolment mil-istess binha Charles Cassar illi xehed li huwa u huh ghandhom negozju ta' gestjoni ta' supermarket li huwa proprjeta` ta' ommhom u li din – skont hu – ma tehdilhomx kirjiet u lanqas tkun trid li jaghtuha affarijiet minnu b'xejn u tinsisti li thallashom. Certament kieku qed tircievi biss nofs il-pensjoni ta' zewgha ma tkunx tista' taghmel dan u allura ma hemm ebda

indikazzjoni li l-manteniment li kienet qed tircievi ma kinex adegwat, anzi jidher li hija ma kellhiex ghalfejn tiehu passi biex tirrimedja ghal dak li kien qed jigri a skapitu taghha.

Dan ma jfissirx li hija ma tistax tiehu l-passi necessarji biex tircievi minghand l-appellat dak li hija ghandha dritt tiehu minn ghandu bhala manteniment izda fil-fehma ta' din il-Qorti c-cirkostanzi rilevanti ma jippermettulhiex toggezzjona ghat-talba tal-appellat a bazi tal-eccezzjoni in kwistjoni.

**It-tieni aggravju**

It-tieni aggravju huwa a bazi tal-Artikolu 66 (D) (2) u l-appellanti qed toggezzjona ghat-talba tar-rikorrenti ghaliex skont hi, ikun difficli ghaliha li tircievi l-manteniment jekk it-talba tar-rikorrenti tigi milqugha.

Anke hawn il-Qorti taqbel ma' dak li qalet l-ewwel Qorti li l-appellanti m'hijiex se ssib ruhha f'sitwazzjoni fejn se jkun aktar difficli ghaliha li tircievi l-manteniment. M'huwiex minnu l-argument taghha espost fir-rikors tal-appell li hekk kif iz-zwieg jigi xolt, hija se titlef dan id-dritt – anzi kif gia` spjegat l-Artikolu 66 (B) jindika li d-divorzju ma jgib ebda bidla f'dak miftiehem bejn il-

partijiet jew deciz mill-Qorti hlief naturalment dawk l-effetti li johorgu cari mill-istess ligi.

Din il-Qorti kif gia` intqal ma tara ebda diffikulta` aggunta ghall-appellata biex tavvanza l-pretensjoniet taghha fir-rigward bid-dikjarazzjoni tal-hall taz-zwieg.

Stabbilit dan strettament ma hemmx ghalfejn li din il-Qorti tiddeciedi jekk bhala fatt il-manteniment giex miftiehem fil-kuntratt ta’ separazzjoni bejn il-kontendenti. Madanakollu, *per abbundantia,* tenut kont tal-importanza tal-materja l-Qorti ser taghmel ir-rilievi li gejjin.

Il-Qorti jidhrilha li l-kuntratt ihalli l-ammont li jista’ jkun pagabbli bhala manteniment impregudikat. Il-ligi fir-rigward tqis biss bhala adegwat dak il-manteniment miftiehem bejn il-partijiet jew deciz f’sentenza izda fin-nuqqas dan ma jfissirx li ma jistghux jingabru provi fir-rigward f’certi cirkostanzi partikolari. Fil-kaz in ezami, il-partijiet ma ftehmux fuq cifra izda biss li l-appellanti kellha tircievi l-pensjoni akkont. Ghalhekk ai fini ta’ din il-vertenza, il-Qorti ma ghandha ebda kejl pre-fiss u jkollha tiddeciedi hija stess jekk l-appellanti kienitx qed tircievi manteniment adegwat bizzejjed biex ma tigix ostakolata d-dikjarazzjoni ta’ divorzju. Il-Qorti kif gia` msemmi, ma thossx li dan huwa l-kaz, izda fl-istess hin huwa wkoll car li d-drittijiet tal-appellanti fir-

rigward tar-reklami eventwali taghha biex tircievi l-manteniment li jista’ jkun dovut jibqghu wkoll impregudikati.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti tiddisponi mill-appell billi tichdu u tikkonferma s-sentenza appellata.

L-ispejjez kollha tal-kawza, minhabba n-novita` tal-materja in kwistjoni, komprizi dawk tal-appell ghandhom jithallsu mill-partijiet f’ishma ndaqs.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------